

Brussell, 17 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10434/16

SOC 419
EMPL 278
ECOFIN 630
SAN 271
EDUC 243

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9273/16 SOC 336 EMPL 232 ECOFIN 477 SAN 206 EDUC 207

Suġġett: Il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Approċċ integrat
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ġunju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Approċċ integrat", adottati mill-Kunsill EPSCO fit-3474 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ġunju 2016.

**Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali: Approċċ integrat
Konklużjonijiet tal-Kunsill**

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI

1. Il-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet għal żieda kumulattiva ta' aktar minn 4 miljun persuna f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali minkejja l-isforzi biex tintlaħaq il-mira, li għamlet l-Unjoni Ewropea fl-istrateġija tagħha Ewropa 2020, li sal-2020 tnaqqas dan l-għadd b'20 miljun.
2. L-Unjoni impenjat ruħha li żżomm il-mira ambizzjuża dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali li hemm fl-Istrateġija Ewropa 2020. Issa li l-ekonomiji Ewropej qed juru l-ewwel sinjali ta' rkupru, wasal iż-żmien li tinqaleb ix-xejra. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-għadd ta' nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Id-diverġenzi dejjem jikbru bejn l-Istati Membri u fl-Istati Membri nfushom jissottolinjaw l-importanza tal-azzjonijiet li qed jittieħdu madwar l-Unjoni.
3. Approċċi u soluzzjonijiet innovattivi ta' inklużjoni attiva, li jgħaqqdu l-appoġġ għal dħul adegwat, mal-aċċess għal servizzi ta' kwalità u mas-swieq tax-xogħol inklużivi, waqt li jiżguraw opportunitajiet indaqs kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, huma meħtieġa għall-ġlieda effikaċi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment f'kuntest ta' sostenibbiltà fiskali limitata. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għandhom ġabra rikka ta' għarfien li tippermetti l-implimentazzjoni ta' politiki effikaċi bl-iskambju ta' kompetenzi speċjalizzati, esperjenzi u l-aħjar Prattiki.

WAQT LI JENFASIZZA LI

4. Biex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment il-faqar fost min għandu xogħol, jitwettqu b'mod effikaċi, hemm bżonn tar-rikonoxximent tan-natura multidimensjonali tal-faqar. Dan jeħtieġ approċċ integrat anke fil-livell tal-familja bil-kunsiderazzjoni ta' kull sitwazzjoni speċifika minn perspettiva olistika, li tvarja minn nuqqas ta' dħul għall-esklużjoni soċjali, u bir-rikonoxximent tar-rwol ta' sferi oħra tal-ħajja u tal-konsegwenzi għalihom, bħall-impjeg, is-saħħa u l-kura fit-tul, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, l-edukazzjoni u d-djar. Dan l-approċċ integrat għandu jindirizza r-riskji differenti tal-faqar għan-nisa u l-irġiel matul iċ-ċiklu tal-ħajja, miż-żmien bikri tat-tfulija sal-età avvanzata.
5. Approċċ integrat jeħtieġ il-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati mill-isferi rilevanti kollha tal-ordni pubbliku u minn kull dixxiplina meħtieġa permezz tal-konnessjoni tas-servizzi bejn il-partijiet pubbliċi, is-sħab soċjali, is-sħab privati, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku destinatariju. Il-kooperazzjoni għandha twassal għal koordinazzjoni ta' interventi komprensivi u personalizzati, kontinwi u f'waqthom immirati lejn l-isferi tal-ħajja rispettivi.
6. Approċċ integrat joqgħod tajjeb mal-Pakkett ta' Investiment Soċjali. L-effikaċja tas-sistemi ta' ħarsien soċjali jistgħu jitjiebu billi s-sistemi universali jkunu kkomplimentati b'approċċi selettivi u individwalizzati mmirati lejn dawk fil-bżonn fiż-żmien tal-bżonn tagħhom.

WAQT LI JILQA' B'SODISFAZZJONI l-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar Prattiki ta' approċċi integrati għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

7. Iżżomm il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq quddiem tal-aġenda u tappoġġa l-Istati Membri fl-ambizzjonijiet tagħhom sabiex jagħtu dak li wiegħdu fil-miri nazzjonali rispettivi tagħhom u jsarrfu l-ambizzjonijiet komuni kif jinsabu fl-Istrateġija Ewropa 2020 f'riżultati konkreti, anke billi jitqies il-valur miżjud ta' approċċi integrati;

8. Tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni fil-qasam tal-faqar u l-esklużjoni soċjali b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, waqt li tqis b'mod speċjali approċċi integrati innovattivi fil-ħidma futura tagħha;
9. Tinvolti ruħha mal-atturi rilevanti kollha, privati u pubbliċi, fil-livell tal-Unjoni u tippromwovi diversi opportunitajiet ta' skambju għal djalogu aħjar mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili sabiex tistimola l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' approċċi integrati innovattivi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
10. Tinkoraġġixxi l-involviment attiv ta' pjattaformi eżistenti, bħall-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali;
11. Tkompli tiżviluppa għodda komuni flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex tistimola l-iskambju ta' esperjenzi, data u l-aħjar prattiki fir-rigward ta' approċċi integrati u servizzi integrati, fuq l-eżempju tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali u l-Pjattaforma Ewropea għall-Investment fit-Tfal.

JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet speċifiċi tagħhom, BIE X

12. Jagħrfu s-siwi tal-applikazzjoni ta' approċċ integrat u jżidu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u jilħqu l-miri nazzjonali rispettivi tagħhom fir-rigward tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;
13. Jindirizzaw il-faqar fost it-tfal u jippromwovu l-benesseri tat-tfal permezz ta' strateġiji multidimensjonali u integrati, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Investment fit-Tfal;

14. Jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli u emarġinati oħra, bħall-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, iż-żgħażaġh, dawk qiegħda, il-persuni mgħobbija b'responsabbiltajiet ta' kura, ir-Rom, il-persuni b'passat marbut mal-migrazzjoni u l-persuni mingħajr dar, billi jqisu strateġiji integrati u l-aħjar prattiki;
15. Isaħħu l-involvement u l-kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha, privati, pubbliċi u mis-soċjetà ċivili, kif ukoll billi jirreferu għall-kontribut ta' esperti fil-formulazzjoni, it-traspożizzjoni, l-effettwazzjoni u l-valutazzjoni ta' politiki;
16. Irawmu l-iżvilupp ta' servizzi personalizzati u integrati f'konformità mar-rakkomandazzjoni għal inklużjoni attiva, bl-involvement tal-atturi rilevanti kollha, pubbliċi u privati, fil-livelli rilevanti kollha;
17. Jieħdu l-ispirazzjoni mill-aħjar prattiki fir-rigward ta' approċċi integrati għall-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ppubblikati f'forma ta' addendum għall-Konklużjonijiet preżenti tal-Kunsill u jintensifikaw l-iskambju ta' għarfien, esperjenzi u l-aħjar prattiki f'dan il-qasam;
18. Jagħmlu użu aħjar mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u biex jimplimentaw politiki li jwasslu għal impatt effikaċi fuq il-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI U L-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX

19. Jiżguraw is-sorveljanza kontinwa tal-iżviluppi fil-qasam soċjali u tal-impjiegi, b'mod partikolari l-progress fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar l-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż l-iżviluppi pożittivi b'riżultat tal-approċċi integrati;

20. Ikomplu jipprovdur analiżi adegwata dwar temi speċifiċi marbuta mal-faqar, b'attenzjoni speċjali fuq l-effikaċja ta' approċċi integrati;
21. Isaħħu, fejn xieraq, l-involviment tas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fil-ħidma relatata mal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX

22. Fil-qafas tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, ikompli jiffaċilita u jstimula l-ġbir u l-qsim ta' ideat, għarfien u esperjenzi dwar approċċi integrati għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, bl-involviment tal-kompetenzi speċjalizzati rilevanti kollha kemm minn organizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll minn dawk privati;
23. Jorganizza analiżijiet tematiċi tal-iżviluppi pożittivi u r-riżultati miksuba bl-applikazzjoni ta' approċċ integrat, inkluż bl-użu tal-evalwazzjoni bejn il-pari fil-programm tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali għal dan l-għan.

Referenzi**1. Il-Kunsill**

- Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali – Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-7 ta' Marzu 2011 (dok. 6917/11).
- Lejn investiment soċjali għat-tkabbir u l-koeżjoni – Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-20 ta' Ġunju 2013 (dok. 11487/13).
- Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/772 u (UE) 2015/773 tal-11 ta' Mejju 2015 li jistabbilixxu l-EMCO u l-KPS (b'mod partikolari l-kompitu mogħti liż-żewġ korpi preparatorji tal-Kunsill biex jikkontribwixxu għall-aspetti kollha tas-Semestru Ewropew fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom u jirrapportaw dwarhom lill-Kunsill).
- Linji Gwida Integrati Riveduti dwar l-Istrateġija Ewropa 2020, inklużi l-Linji Gwida Ġenerali għall-Politiki Ekonomiċi adottati mill-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2015 (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184) u l-Linji Gwida għal-Linji Poliċi dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2015 (Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1848; b'mod partikolari l-Linja Gwida 8 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar u l-premessa 11 li tistipula li l-EMCO u l-KPS għandhom jissorveljaw il-mod li bih il-politiki rilevanti jiġu implimentati fid-dawl tal-linji gwida dwar l-impjiegi, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom ibbażati fuq it-Trattat).
- Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi – Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fid-9 ta' Marzu 2015 (dok. 7017/15).
- Governanza soċjali għal Ewropa inklużiva – Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-7 ta' Diċembru 2015 (dok. 15070/15).
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (dok. 15107/15 - adottata mill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-15 ta' Frar 2016).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Prinċipji komuni ta' inklużjoni attiva biex jiġi miġġieled il-faqar b'mod aktar effettiv” (dok. 15984/08 + COR 1 + REV 1 COR 1 (hu) + REV 2 (lv)).

2. Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

- Id-Dimensjoni Soċjali Ewropa 2020: it-tweġġ tal-impenn tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar u għall-inklużjoni (2011) – Opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali kif approvata mill-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 2011 (dok. 17050/11).
- Strateġija Ewropa 2020: Reviżjoni ta' nofs it-term, inkluża l-evalwazzjoni tas-Semestru Ewropew - Opinjoni Konġunta tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali kif approvata mill-Kunsill fl-14 ta' Ottubru 2014 (dok. 13809/14).
- Ir-Rapport tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-2015 dwar ir-riformi reċenti tal-politika soċjali: kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2016 (dok. 12079/15 ADD 1).

3. Il-Kummissjoni Ewropea

- Komunikazzjoni dwar “Impenn imġedded għal Ewropa soċjali: Insaħħu l-Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni għall-Ħarsien Soċjali u għall-Inklużjoni Soċjali” (COM(2008) 418 final).
- Rakkomandazzjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-“inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol” (ĠU L 307 tat-18 ta' Novembru 2008).
- Komunikazzjoni dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali (COM(2010) 0758).
- Komunikazzjoni dwar l-“Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakli” (COM(2010) 636 final).
- Komunikazzjoni “Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020” (COM (2013) 83 final).
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-“Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019” (SWD(2015) 278 final).

4. Il-Parlament Ewropew

- Ir-Rapport dwar ir-rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklużiva fl-Ewropa (16 ta' Lulju 2010).
- Ir-Riżoluzzjoni dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (15 ta' Novembru 2011).
- Ir-Riżoluzzjoni "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina" (20 ta' Novembru 2012) li titlob lill-Kummissjoni tiddefinixxi punti ta' riferiment konkreti fis-sura ta' pjattaforma ta' protezzjoni soċjali.
- Ir-Riżoluzzjoni "It-tiġħ tad-dimensjoni soċjali tal-UEM" (21 ta' Novembru 2013), li titlob lill-Kunsill jiddefinixxi punti ta' riferiment konkreti għall-indikaturi soċjali u tal-impjeg fis-sura ta' pjattaforma ta' protezzjoni soċjali tal-UE, bil-ħsieb li jiġu promossi l-konverġenza soċjali 'l fuq u l-progress soċjali.
- Ir-Riżoluzzjoni dwar "is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015" (11 ta' Marzu 2015), li *inter alia* tistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa d-dimensjoni soċjali u tagħmel użu akbar tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali fil-formulazzjoni tal-politika u li l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tqis il-ħtieġa urġenti li jkun hemm aktar progress lejn it-tnaqqis tal-faqar u miri soċjali oħra.

5. Il-Kumitat tar-Regġuni

- Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali – Xi rwol għandhom ir-regġuni u l-bliet? – Proċedimenti tal-Konferenza tal-KtR, 29 ta' Mejju 2013.

6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

- Opinjoni tal-KESE dwar Prinċipji għal sistemi tal-benefiċċji soċjali effettivi u affidabbli, 17 ta' Settembru 2015.